FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1153/01JR**

**Joseph Aquilina**

**vs**

**Carmel Formosa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fil-5 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm510.00), rapprezentanti hlas ta' magna mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fl-4 ta' April, 2001;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 t'Awissu, 2001 u ta' l-ittra ufficjali tal-31 t'Awissu, 2001, oltre l-imghaxijiet relattivi mill-4 ta' April,**

**2001, sad-data tal-hlas effettiv – ilkoll kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Frank Cassar li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut lill-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm510.00), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Gunju, 2001, bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' April, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 t'Awissu, 2001 u ta' l-ittra ufficjali tal-31 t'Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**